MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 538/2010

**GO plc – C22334**

**vs**

**Albert Cutjar – ID-234679-[M]**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors li permezz tieghu s-socjeta` attrici tablet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija tmienja u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€738.96c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21522274 moghti mis-socjeta` attrici skont kif irrizulta mill-aness dokument immarkat Dok "A".

Illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas izda dan baqa' inadampjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe` mis- 26 ta’ April 2008 kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat ma pprezentax risposta, li madanakollu l-istess konvenut deher fis-seduta tallum u ammetta t-talba odjerna.

Ra d-deposizzjoni ta’ l-istess konvenut fejn giet ammessa t-talba tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u qed jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ seba’ mija tmienja u tletin Ewro u sitta u disghin centezmu (€738.96c) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------